

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2014 – EE Ltd vs UASI (rappreżentazzjoni ta' tikek bojod fuq sfond griż)**

(**Kawża T-77/14**)

(2014/C 135/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: EE Ltd (Hatfield, ir-Renju Unit) (rappreżentant: P. Brownlow, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-24 ta' Ottubru 2013, fil-Każ R 704/2013-1.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva b'rappreżentazzjoni ta' tikek bojod fuq sfond griż għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 9, 16, 25, 35-39, 41, 42 u 45 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 388 386

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma hijiex idonea sabiex tiġi rreġistrata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2014 – Benediktinerabtei St. Bonifaz vs UASI – Andechser Molkerei Scheitz (Genuß für Leib & Seele KLOSTER Andechs SEIT 1455)**

(**Kawża T-78/14**)

(2014/C 135/59)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Benediktinerabtei St. Bonifaz Köperschaft des öffentlichen Rechts (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Andechser Molkerei Scheitz GmbH (Andechs, il-Ġermanja)

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-14 ta' Novembru 2013, fil-Każ R 1272/2012-1 dwar il-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B 1 754 228 (Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 255 811);
- tikkundanna lill-Uffiċċju għal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tħalli l-elment verbali “Genuß für Leib & Seele KLOSTER Andechs SEIT 1455”, għal prodotti fil-klassi 28 (Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 255 811)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Andechser Molkerei Scheitz GmbH

*Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark figurattiva nazzjonali u t-trade mark figurattiva Komunitarja li jinkludu l-element verbali "ANDECHSER NATUR" u "ANDECHSER NATUR SEIT 1908", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29 u 35*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud*

*Motivi invokati:*

- Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

#### **Rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2014 – Energy Brands vs UASI – Smart Wines (SMARTWATER)**

**(Kawża T-81/14)**

**(2014/C 135/60)**

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti: Energy Brands, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Stone u R. Allos, Solicitors)*

*Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Smart Wines GmbH (Köln, il-Ġermanja)*

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-19 ta' Novembru 2013 mogħiġi fil-Każ R 903/2013-2;
- tikkundanna lill-UASI u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal dawk tar-rikorrenti.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti*

*Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "SMARTWATER" għal prodotti fil-klassijiet 30, 32 u 33 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 400 194*

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*

*Trade mark jew sinjal invokat: ir-reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja preċedenti Nru 5 853 601 għat-trade mark verbali "SMART WINES" għal prodotti fil-klassijiet 30 u 33*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha kollha kemm hi*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 8(1)(a) u (b) u 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.*

---